

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Frar 2009 – Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-11/09)

(2009/C 90/64)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, L-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-konvenuta tiġi tikkundanna talba għar-rimbors ta' 100 % ta' xi spejjeż mediċi sostnuti mir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni li tiġi tikkundanna talba għar-rimbors ta' 100 % ta' xi spejjeż mediċi sostnuti mir-rikorrent;
- tannulla, safejn meħtieġ, in-nota tas-16 ta' Ottubru 2008;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħalli lir-rikorrent, bħala rimbors ta' 100 % tal-ispejjeż mediċi, is-somma ta' EUR 356,18 jew somma iżgħar li t-Tribunal jikkunsidra ġusta u ekwa bħala rimbors, flimkien mal-interessi fuq din is-somma, li għandhom jibdew jiddekorru mill-ewwel ġurnata tal-ħames xahar wara l-ġurnata meta ż-żewġ talbiet waslu lid-destinatarju, bir-rata ta' 10 % fis-sena, bil-kapitalizzazzjoni annwali, bil-kapitalizzazzjoni u bid-dies a quo li t-Tribunal jikkunsidra ġusti;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2009 – Peláez Jimeno vs Il-Parlament

(Kawża F-13/09)

(2009/C 90/65)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Josefina Peláez Jimeno (Relegem – Asse, il-Belġju) (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tikklassifika lir-rikorrenti bħala uffiċjal taħt perijodu ta' prova fi grad u skala inferjuri minn dawk li hija kellha bħala membru tal-persunal temporanju.

Talbiet tar-rikorrenti

- Jannulla id-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-8 ta' Frar 2008 li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet ikklassifikata fil-kategorija l-ġdida "AST" grad 1, skala 5, bħala uffiċjal taħt perijodu ta' prova, u kkonfermata mid-deċiżjoni li tiġi tikkundanna tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Novembru 2008;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2009 – Almeida Campos et vs Il-Kunsill

(Kawża F-14/09)

(2009/C 90/66)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ana Maria Almeida Campos (Brussell, il-Belġju) u oħrajn (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrenti ma jiġux promossi għal grad AD 12 fil-proċedura ta' promozzjoni 2008 u, sa fejn ikun meħtieġ, tad-deċiżjonijiet ta' promozzjoni għal dan il-grad, fir-rigward tal-istess proċedura ta' promozzjoni, tal-uffiċjali li isimhom huwa inkluż fil-lista tal-uffiċjali promossi ppubblikata fil-komunikazzjoni lill-persunal (CP) Nru 72/08 tal-21 ta' April 2008.

Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrenti ma jiġux promossi għall-grad AD 12 fil-proċedura ta' promozzjoni 2008 u, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjonijiet ta' promozzjoni għal dan il-grad, fir-rigward tal-istess proċedura ta' promozzjoni, tal-uffiċjali li isimhom huwa inkluż fil-lista tal-uffiċjali promossi ppubblikata fil-komunikazzjoni lill-persunal (CP) Nru 72/08 tal-21 ta' April 2008;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.